*-Assenjazzjoni ta' kawża mis-sezzjoni ġenerali tal-Qorti Civili lis-sezzjoni tal-familja*

*-eċċezzjoni dwar f'liema sezzjoni għandha tinstama' l-kawża jew kontro-talba fl-istess kawża*

*mhix kwistjoni ta' kompetenza rationae materiae għaliex din tippresupponi*

*għażla bejn żewġt iqrati u mhux assenjazzjoni fost sezzjonijiet tal-istess Qorti*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 12 ta' Jannar, 2021.**

**Rikors Nru. 134/20GM**

**Lilia Nikolayevna Mukhortova ID34767A**

**vs**

**Av Henry Antoncich bħala mandatarju speċjali ta' Alexander Moxavitch Bernstein (ġieli Bernchtein)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat li permezz tiegħu l-attriċi wara li esponiet:-

Illi l-partijiet iżżewwġu fir-Russja fil-31 ta' Mejju 1985 kif jirrizulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ annesss bħala Dok A, u baqgħu miżżewġin sakemm iddivorzjaw fil-21 ta' Novembru 2001, kif jirriżulta min Dok B.

Ili min dan iż-żwieġ huma kellhom tifla waħda, Anna, li twieldet fit-13 ta' Settembru 1990 Dok C.

Illi fl-14 ta' Diċembru 1995, il-konvenut kien ġie Malta u xtara l-appartament bin-numru 4, Veronica Flats, Triq Perellos, San Pawl il-Baħar, kif jirriżulta mill-att pubbliku fl-atti tan-Nutar John Gambin anness bhala Dok D.

Illi l-attriċi ma kenitx akkumpanjat lill-konvenut Malta fuq il-vjaġġ meta huwa xtara l-appartament in kwistjoni għax binthom kienet għada zgħira, u barra min hekk, omm l-attriċi kienet marida.

Illi ai termini tal-artikolu 34 tal-Kodiċi tal-Familja tal-Federazzjoni Russa, dak li jinxtara bejn koppja miżżewġa huwa preżunt li jappartjenti lill-koppjaugwali bejniethom.

Illi fis-7 ta' Janar 2000, il-paritjiet, qua koppja mizzewġa, flimkien ma binthom, kienu stabbilixxew ir-residenza tagħhom f'Malta, proprju fl-appartament fuq imsemmi. Qabel din id-data kienu jiġu hawn għall-vaganzi tas-sajf.

Illi min meta l-partijiet iddivorzjawfil-21 ta' Novembru 2001, il-konvenut kien litteralment sparixxa, u fil-fatt kien bixx reċentement li huwa reġa' ltaqa' ma bintu waqt proċeduri li hu għamel biex jevita li jħallas manteniment lil bintu.

Illi sia l-attiċi u sia binthom baqgħu dejjem resident Malta mis-7 ta' Jannar 2000, l-attriċi baqgħet minn dakinhar sal-ġurnata tallum tgħix fl-istes appartament.

Illi meta l-konvenut kien xtara l-appartament in kwistjoni fis-sena 1995, huma ma kienx żvela man-Nutar li huwa fil-fatt kien miżżewweġ, u kien irreġistra l-appartament fuq ismu biss.

Illi naturalment in vista tal-komunjoni tal-akkwisti viġenti bejn il-partijiet, bażi tal-liġi russa – li hi identika għal dik nostrana nofs l-appartament bin-numru 4, Veronica Flats, Triq Perellos, San Pawl il-Baħar mixtri mill-konvenut fl-14 ta' Diċembru 1995, kif jirriżulta mill-att pubbliku fl-atti tan-Nutar John Gambin, kellu jappartjeni lill-attriċi, u nofs indivi ta' dan l-appartament għandu jkun intestat f'isem l-attriċi, għax jekk ma jsirx hekk hemm perikli li l-konvenut ibiegħ l-istess mingħajr mal-attriċi tkun biss taf.

Talbet lil din il-Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li nofs indiviż tal-appartament bin-numru 4, Veronica Flats, Triq Perellos, San Pawl il-Baħar mixtri mill-konvenut fl-14 ta' Diċembru 1995, kif jirriżulta mill-att pubbliku fl-atti tan-Nutar John Gambin, jappartjeni lill-attriċi.
2. Tordna lill-konvenut li jidher fuq att pubbliku sabiex jassenja nofs indiviż tal-appartament hawn fuq imsemmi;
3. Tinnomina nutar sabiex jirċievi u jippubblika l-att opportun u kuratur għall-eventwali kontumaċi.

Rat ir-Risposta Ġuramentata li permezz tagħha l-konvenut eċċepixxa :-

1. Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħha u dana għas-segwenti raġunijiet:

(i) Illi l-appartament "de quo" mixtri mill-esponent fuq ismu jappartjieni esklussivament lilu, fatt dan anki dikjarat mill-Qorti Ċivili, Sezzjoni tal-Familja, fil-kawża fl-ismijiet "Lilia Nikolaevna Mukhortova –vs- Dr. Vincent Galea et noe", Citazzjoni Numru 52/05NC, deċiża fis-27 ta' Ġunju 2006, li minnha l-attriċi ma kienetx appellat [Ara Dok. "AB1" hawn unit].

(ii) Illi hija applikabbli bejn il-partijiet il-liġi Russa fir-rigward, u ai termini tal-Kodiċi tal-Familja tal-Liġi tal-Federazzjoni Russa, l-komunjoni ta' l-akkwisti tispiċċa mal-hall taż-żwieġ, f'dan il-każ mad-divorzju pronunzjat mill-Qorti ta' Moskow fil-21 ta' Novembru 2001, u minn dak in-nhar beda jiskatta terminu preskrittiv ta' tlett (3) snin għall-qasma u divizjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti ġia' eżistenti bejn il-partijiet [Artikolu 38(7) tal-Kodiċi tal-Familja tal-Federazzjoni Russa No. 223-FZ tad-29 ta' Dicembru 1995, kif emendat] [Ara Dok. "AB2" hawn unit].

2. Illi mhux minnu li l-appartament ta' San Pawl il-Baħar kien id-dar matrimonjali tal-kontendenti. Il-kontendenti huma ċittadini Russi u kienu domiċiljati r-Russja: huma twieldu, żżewwġu, għixu, rabbew familja, u ddivorzjaw ir-Russja. L-esponent xtara l-appartament ta' San Pawl il-Baħar u kienu jiġu Malta għal btajjel qosra.

3. Illi bla preġudizzju għall-premess, "dato ma non concesso" illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha li l-attriċi tippossjiedi sehem indiviż minn mill-imsemmi appartament, allura għandha tiġi prelevata s-somma ta' Lm20,000 li Koda Bernstein kienet iddonat lil binha Alexander Bernstein biex setgħa jixtri l-appartament fuq ismu.

4. Illi l-esponent nomine qed jipprevalixxi ruħu mill-kawża ittentata mill-attriċi u jintavola Kontro-Talba sabiex jirrikonvenzjona lill-attriċi u "inter alia" jitlob li jiġi dikjarat li l-appartament in kwistjoni jappartjieni esklussivament lilu, biex l-attriċi tiġi kundannata tħallsu indennizz ossija kumpens sa mis-27 ta' Mejju 2013 għall-użu u okkupazzjoni waħedha, ad eskluzzjoni ta' l-esponent nomine.

Rat il-kontrotalba tal-konvenut rikonvenjent nomine fil-konfront ta' l-attrici rikonvenuta li permezz tagħha wara li espona:-

1. Illi Alexander Maxovitch Bernstein u Lilia Nikolayevna Mukhortova, cittadini Russi, zzewgu fil-31 ta' Mejju 1985 u marru joqgħodu fl-appartament matrimonjali tagħhom 30/2/146 General Glagolev Street, Moscow. Kellhom tifla waħda, Anna, li twilditilhom fit-13 ta' Settembru 1990, f'Moskow.

2. Fl-14 ta' Settembru 1995 l-esponent xtara fuq ismu l-appartament numru 4, Veronica Flats, Triq Raymond Perellos, San Pawl il-Baħar, in atti Nutar John Gambin. L-attriċi rikonvenuta kienet taf li żewġha kien ser jixtri l-imsemmi appartament. Ir-relazzjonijiet ta' bejniethom kienu tajbin ħafna. Hija kienet taf ukoll illi huma ma kellhomx flus biex jixtru dan l-appartament (Lm20,000 u spejjez relattivi) u li kienet Koda Bernstein, omm Alexander, li ddonat il-flus lil binha u batithomlu mill-Amerka fejn kienet tgħix, biex Alexander jixtri l-appartament fuq ismu. Lilia Mukhortova kienet taf b'dan kollu, tant li lanqas akkumpanjat lil żewġha f'Malta meta huwa ġie biex jixtri l-imsemmi appartament, u lanqas tagħtu prokura biex jitniżżel isimha fuq il-kuntratt ta' l-akkwist. Meta l-kontendenti kienu jiġu għal btajjel qosra f'Malta kienu joqgħodu fl-appartament ta' San Pawl il-Bahar.

3. Illi ż-żwieġ tagħhom inkiser irremedjabilment u l-attriċi applikat u ottjeniet il-ħall taż-żwieġ permezz ta' divorzju pronunzjat fil-21 ta' Novembru 2001 mill-Qorti ta' Moskow. Fis-sena 2002, l-attriċi rikonvenuta applikat lill-

Qorti ta' Moskow biex tieħu lil binthom Anna f'Malta, ħaġa li l-missier Alexander ikkontesta 'l għaliex kien ser jiġi priv milli jkollu aċċess għal bintu. Il-Qorti ta' Moskow laqgħat dina t-talba u fil-waqt li r-rikorrenti u Anna ġew joqgħodu f'Malta, Alexander Bernstheyn baqa' jgħix f'Moskow.

4. Illi l-partijiet kienu in segwitu nvoluti f'żewġ kawżi oħra bejniethom fir-Russja: kawża mill-attriċi kontra l-esponent għall-ħlas tal-manteniment għat-tifla komuni (sentenza ta' l-10 ta' Ġunju 2003); u kawża oħra istitwita mill-esponent kontra l-ex-mara tiegħu meta ttrasferiet waħedha, u ad insaputa tiegħu, l-appartament matrimonjali ta' General Glagolev Street, f'Moskow (Sentenza tas-6 ta' Settembru 2006).

5. Illi b'sentenza mogħtija fis-27 ta' Ġunju 2006 fil-kawża fl-ismijiet "Lilia Nikolayevna Mukhortova pen vs Dr. Vincent Galea et noe" (Ċitazzjoni numru 52/2005NC) il-Qorti Ċivili, Sezzjoni tal-Familja, iddikjarat illi l-appartament ta' San Pawl il-Baħar kellu jiġi konsidrat bħala proprjeta' esklussiva ta' Alexander Bernstein. L-attriċi ma kienetx appellat minn dina s-sentenza [Ara Dok. "AB1" hawn unit].

6. Illi tant kemm l-attriċi rikonvenuta kienet konxja li l-appartament jappartjieni esklussivament lil ex-raġel tagħha, Alexander Bernstein, li lanqas biss talbet, entro terminu ta' tlett snin mid-divorzju tagħhom fil-21 ta' Novembru 2001, il-qasma u d-divizjoni ta' dan l-appartament kif hija tenuta li tagħmel skond il-liġi Russa [Ara Dok. "AB2" hawn unit].

7. Illi f'każ li dina l-Qorti kellha tiddetermina li l-attriċi tippossjiedi sehem indiviz mill-appartament in kwistjoni, l-esponent nomine ma jixtieqx jibqa' in komunjoni ma' l-attriċi rikonvenuta, u peress li dan il-fond mhijiex komodament diviżibbli għandu jiġi ordnat il-liċitazzjoni tiegħu.

8. Illi t-tifla Anna żżewget ma' Richard Joseph Aquilina fit-13 ta' Novembru 2011, u l-attriċi rikonvenuta baqgħat tabita waħedha fil-fond ta' San Pawl il-Baħar. Hija anki rrifjutat li tagħti kopja taċ-ċavetta tal-fond "de quo" nonostante li ġiet interpellata tivvaka mill-imsemmi appartament u biex tikkonsenja ċ-ċavetta [Ara Dok. "AB3" u "AB4" hawn uniti].

9. Illi l-esponent nomine jaf b'dawn il-fatti personalment hekka kif irriżultawlu u kif spjegahomlu ukoll il-patroċinat tiegħu Alexander Bernstein.

Talab lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-appartament bin-numru 4, Veronica Flats, Triq Raymond Perellos, San Pawl il-Baħar mixtri mill-esponent fl-14 ta' Diċembru 1995, in atti Nutar John Gambin, jappartjieni esklussivament lill-istess esponent rikonvenjent.

2. Tordna l-iżgumbrament ta' l-attriċi rikonvenuta fi żmien qasir u perentorju li jogħġobha tipprefeġġi dina l-Qorti.

3. Alternattivament għall-ewwel żewġ talbiet, f'każ biss li jiġi determinat minn dina l-Qorti li l-attriċi rikonvenuta tippossjiedi sehem indiviż mill-imsemmi fond ta' San Pawl il-Baħar:

    (i) Tiddikjara li l-imsemmi fond mhijux komodament diviżibbli skont il-kwoti spettanti lill-partijiet.

    (ii) Tordna l-bejgħ b'licitazzjoni ta' l-istess fond, u wara li tiġi prelevata s-somma f'euros ekwivalenti għal għoxrin elf lira maltin (Lm20,000) jew dik is-somma l-oħra verjuri li Koda Bernstein, omm Alexander, kienet iddonatlu biex xtara l-istess appartament, bid-differenza mir-rikavat tinqasam bejn il-partijiet skond il-kwoti rispettivi tagħhom.

    (iii) Tordna lill-istess attrici rikonvenuta sabiex fi żmien qasir u perentorju tikkonsenja lill-esponent nomine kopja taċ-ċavetta tal-blokk ta' l-appartamenti "Veronica Flats", u ta' l-appartament numru erba (4) fl-istess Blokk, Triq Raymond Perellos, San Pawl il-Baħar, b'mod li l-esponent nomine ikollu aċċess għall-istess fond, u fin-nuqqas tawtorizza lill-esponent nomine sabiex bl-assistenza tal-Pulizija u Marixxalli tal-Qorti jagħmel dak kollu necessarju sabiex jaċċedi għall-imsemmi appartament.

4. Tordna, f'kull każ, lill-attriċi rikonvenuta tindennizza ossija tikkumpensa lill-esponent noe rikonvenjent għall-okkupazzjoni tagħha tal-fond in kwistjoni ad eskluzjoni ta' l-esponent għall-perijodu mis-27 ta' Mejju 2013, data meta hija tqiegħdet "in mora".

5. Tillikwida dak l-indenniz ossija kumpens, okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi.

6. Tikkundanna lill-istess attrici rikonvenuta thallas lill-esponent nomine rikonvenjent dik is-somma hekk likwidata in linea ta' indennizz ossija kumpens kif fuq ingħad.

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-attriċi għall-kontro-talba tal-konvenut li permezz tagħha eċċepiet illi:

**Preliminari:**

Preliminarjament, il-fatt illi dak li qed jitlob il-konvenut jitratta l-ispartizzjoni tal-assi detenuti minn koppja mizzewga, u d-drittijiet u l-obbligi tal-istess, allura din il-Qorti hija inkompetenti *rationae materie* saiex tisma u tiddeciedi din il-kawza stante li ai termini tal-artikolu 4 tal-Ordni Dwar it-Twaqqif ta' Sezzjonijiet Tal-Qrati Civili tali gurisdizzjoni hija tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) u mhux ta' din l-Onorabbli Qorti.

Preliminarjament ukoll, minghajr pregudizzju ghall-posizzjoni tal-attrici, in vista tal-fatt li r-raba, l-hames u s-sitt talba qed jitolbu indennizz ghall-okkupazzjoni tal-fond li l-konvenut qed ighid li huwa esklussivament tieghu, meta l-konvenut ilu jaf mis-sena 2000 li l-attrici kienet qed tghix hawn Malta fl-istess appartament, allura r-relazzjoni li qed jiprospetta l-konvenut tammonta ghal kirja ai termini tal-artikolu 44 tal-Kap. 69, u kwindi il-gurisdizzjoni sabiex tisma dawk it-talbiet hija dik tal-Bord li Jirregola l-Kera u mhux ta' din l-Onorabbli Qorti.

**Fil-mertu;**

Illi l-appartament bin-numru 4, Veronica Flats, Triq Raymond Perellos, San Pawl il-Bahar, ma jappartjeni bl-ebda mod esklussivament lill-konvenut, imma nofsu minn dejjem kien propjeta' tal-attrici, li fil-fatt qed taghmel il-kawza odjerna sabiex dan jigu ppronuncjat guridikament.

Illi l-attrici kellha, u ghad ghandha, kull dritt li taghmel uzu mill-appartament in kwestjoni, kif ukoll stabbilit fl-artikolu 491(a) tal-Kap. 16, stante li l-attrici u l-konvenut kienu xtraw dan l-apartament u gew jirrisjedu fih flimkien ma' binthom fis-7 ta' Jannar 2000, u l-fond serva bala d-dar matrimonjali tal-koppja sakemm fil-21 ta' Novembru 2001, il-partijiet iddivorzjaw u l-konvenut litteralment sparixxa, tant li l-konvenut qatt ma ghamel ebda forma ta' kuntatt u lanqas biss qatt ma tkellem ma bintu ghal snin shah sakemm recentement raha fil-bini ta' din il-Qorti meta kkontesta kawza sabiex ma jhallasha ebda manteniment ghat-trobbija kollha taghha. B'hekk ukoll it-tieni u t-tielet talbiet ghandhom jigu michuda ghax l-attrici ghandha dritt tibqa' tirrisjedi f'dan il-fond.

Illi b'hekk ebda hlas ma hu dovut mill-attrici lill-konvenut, anzi l-invers, in vista tal-fatt li l-attrici ghandha wkoll kawza pendenti kontra l-konvenut, fejn qed tippretendi kumpens ghal sehem il-konvenut mill-manteniment kollu li hi hallset ghat-trobbija ta' binthom, liema kawza hija l-kawza fl-ismijiet Lilia Nikolayevna Mukhortova vs Dr Vincent Galea 52/2005 li tinsab differita ghas-sentenza quddiem il-Qorti tal-Appell, u fejn it-talba tal-attrici f'dik il-kawza huwa kkawtelat b'sehem il-konvenut f'dan l-istess appartament.

Illi ma hu minnu xejn li hemm xi pagament dovut lil omm il-konvenut, kif ser jirrizulta fil-kors tal-kawza. Fil-fatt il-konvenut m'ghandux interess esklussiv li javanza din it-talba, dement li ma huwiex l-eredi esklussiv ta' ommu, u din it-talba hija wkoll preskritta ai termini tal-artikolu 2156(e) tal-Kap. 16.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost:

- l-ewwel zewg talbiet attrici huma preskritti ai termini tal-artikolu 38(7) tal-Kodici tal-Familja tal-Federazzjoni Russa No. 223-FZ tad-29 ta' Dicembru 1995, kif emendat.

- Ir-raba' talba hija preskritta ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kap. 16.

Semgħet it-trattazzjoni bil-fomm tal-avukati difensuri tal-partijiet rispettivi dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-attriċi għall-kontro-talba tal-konvenut.

Rat li l-kawża ġiet differita għallum għas-sentenza dwar l-eċċezzjonijiet imsemmija.

Ikkunsidrat:

Kemm it-talba kif ukoll il-kontrotalba huma dwar appartament mixtri waqt iż-żwieġ tal-partijiet kontendenti qabel iddivorzjaw. Materja li taqa' taħt il-kategorija ta' kawżi li skont il-liġi[1] għandha tiġi assenjata lis-sezzjoni tal-familja ta' din il-Qorti u mhux minn din is-sezzjoni li hija s-sezzjoni ta' ġurisdizzjoni ġenerali. Din il-Qorti taqbel mal-pronunzjament mogħti mill-Qorti t'Għawdex li :[2]

> "Skond l-istess regolamenti hu r-Reġistratur li għandu jassenja l-kawża lis-sezzjoni "...skond il-kategorija li kawża tkun taqa' tahtha." (Regolament 7). Pero' effettivament dak li qiegħed jigri fir-realta' hu li l-avukat li jirredigi r-rikors ġuramentat jindika quddiem liema sezzjoni għandha tinstema' l-kawża, u r-Reġistratur jassenja l-kawżi skond dak li jkun gie dikjarat fir-rikors ġuramentat. Il-kategorija li kawża tkun taqa' tahtha m'hijiex necessarjament dik li tiġi ndikata mill-avukat li jirredigi l-att ġudizzjarju, u r-regolamenti ma jgħidux li r-Reġistratur hu marbut b'dak li jkun gie dikjarat fir-rikors li bih ikun inbeda l-proċediment. Tant hu hekk li l-istess regolamenti jipprovdu li fejn hemm nuqqas ta' qbil f'liema sezzjoni għandha tiġi assenjata kawża, il-kwistjoni għandha tiġi riferuta lill-Prim'Imhallef li għandu jiddecidi lil liema sezzjoni għandha tiġi assenjata l-kawża. Il-Qorti tal-Magistrati (Għawdex) Gurisdizzjoni Superjuri hi waħda, li mbagħad hi maqsuma f'zewg sezzjonijiet skond in-natura tal-kawża. M'hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet li din il- kawża taqa' fil-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Gurisdizzjoni Superjuri. Id-dubju hu quddiem liema sezzjoni ta' din il-qorti għandha tinstema' l-kawża. Fil-fehma tal-qorti din m'hijiex materja ta' kompetenza *ratione materiae*, għaliex il-kawża giet prezentata quddiem il-qorti kompetenti (Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

[1] Iktar preċiżament skont it-Titolu I tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Ċivili li, skont Paragrafu 4(a) tal-Iskeda għal Regolament 2(a) tal-Avviż Legali 9 tal-2004 (L.S. 12.20)

[2] Il-Qorti tal-Maġistrati(Għawdex)(Ġurisdizzjooni Superjuri)(Sezzjoni tal-Familja) Cit. Nru. 17/2008 A v B 09.12.2008 *coram* Onor. Maġistrat (illum Imħallef) Anthony Ellul

> Gurisdizzjoni Superjuri). Għalhekk it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut m'hijiex ġustifikata. Il-fatt li kawża tiġi assenjata lil sezzjoni u mhux oħra, m'għandha qatt tagħti lok sabiex il-qorti li lilha tiġi assenjata l-kawża tagħti deċiżjoni li m'hijiex kompetenti *ratione materiae* u bil-konsegwenza li l-konvenut jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju. Dan iktar u iktar meta tqis li skond ir- regolamenti hu d-dmir tar-Reġistratur li jassenja l-kawżi lis-sezzjonijiet differenti ta' qorti, u r-regolamenti jipprovdu x'għandu jsir f'każ ta' nuqqas ta' qbil lil liema sezzjoni għandha tiġi assenjata l-kawża."

Il-pronunzjament tal-Qorti t'Għawdex jgħodd *mutatis mutandis* għall-Qorti Civili (fil-gżira ta' Malta) li hija maqsuma f'erba' sezzjonijiet: (1) tal-Familja (2) Ġurisdizzjoni Volontarja (3) Tal-Kummerċ u (4) din is-sezzjoni ta' ġurisdizzjoni ġenerali msejjħa l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili.[3]

Huwa minnu li l-eċċezzjoni tqajjmet fl-eċċezzjonijiet għall-kontrotalba u mhux ukoll fl-eċċezzjonijiet għat-talba. B'danakollu din il-Qorti tista' tqajjimha *ex officio*, iktar u iktar meta saħansitra r-Reġistratur jista', tkun xi tkun id-denominazzjoni li jgħoġbu jagħti l-attur, jassenja l-kawża fis-sezzjoni li jidhirlu li għandha skont il-liġi titratta t-talbiet rilevanti. Kif sewwa ritenut mill-Qorti t'Għawdex fis-sentenza suċċitata, din mhix kwistjoni ta' kompetenza *rationae materiae* bejn Qorti u oħra imma sempliċi assenjazzjoni lil sezzjoni jew oħra tal-istess Qorti.

In vista tal-kunsiderazzjonijiet premessi mhix sejra tieħu konjizzjoni tat-tieni eċċezzjoni għall-kontro-talba għax altrimenti tkun qiegħdha tieħu konjizzjoni – *sia pure in parte* – tal-kawża hi stess minflok ma tħalliha għad-deliberazzjoni u deċiżjoni tas-sezzjoni tal-familja ta' din il-Qorti li għandha tieħu konjizzjoni tal-kawża.

Għal dawn il-motivi l-Qorti:

---

[3] L.S. 12.19 Paragrafu 3

(1) tilqa’ l-ewwel eċċezzjoni għall-kontro-talba b’dan illi tiddikjara li t-talbiet fir-Rikors Ġuramentat ukoll għandhom jiġu assenjati lis-sezzjoni tal-familja ta’ din il-Qorti.

(2) tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni eċċezzjoni u tirriżerva d-deċiżjoni tagħha għas-sezzjoni tal-familja.

Tordna li l-kawża titkompla tinstema’ mis-Sezzjoni tal-Familja ta’ din il-Qorti.

Spejjeż jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

Moqrija.

ONOR IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA